MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7 B'URĠENZA

**22 ta' Ottubru 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
Justin Schembri - Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier
Sephora Cutajar – Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Francis Pullicino - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Antoine Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti s-Sinjuri Joanne Debono Grech, Justin Schembri, Karl Cutajar, Nancy Aquilina, Rita Borg, Kaylocke Buhagiar, Owen Patrick Attard, Sephora Cutajar, Deborah Mifsud, John Mizzi, Marie Claire Zammit Bonello u Francis Pullicino.

Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard kien skużat.

Għal laqgħa kien hawn preżenti wkoll iċ-*Chairperson* tal-Bord ta' l-Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Adrian Mifsud.

**7.1 Rapport Bord Riżorsi Umani**

7.1.1 Ic-*Chairperson* tal-Bord Riżorsi Umani, is-Sur Adrian Mifsud, ressaq għall-approvazzjoni r-rapport dwar l-ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv ġdid tal-Kunsill. Huwa qal illi wara li għarbilna l-kandidati, il-posizzjoni għandha tingħata lis-Sur Carmel Attard ta' karta ta' identita' 267868M. Dan wara proċess ta' intervisti.

7.1.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mar-rapport imressaq u s-Sindku se tkun qed tikteb lid-Dipartiment u lill-Ministru għall-approvazzjoni tiegħu.

7.1.3 Is-Sur Adrian Mifsud ressaq ukoll ir-rapport dwar l-inġagg ta' żewġ *council attendants*. Wara proċess ta' intervisti, iż-żewġ kandidati magħżula huma s-Sa Romina Xuereb u s-Sur Albert Ellis.

7.1.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi sakemm tasal l-approvazzjoni formali tal-Ministru, is-Segretarju Eżekuttiv preżenti s-Sur Neil Spiteri jibqa' jservi ta' aġent u hekk kif is-Sur Attard jieħu l-kariga, is-Sur Spiteri jibqa' involut sakemm il-Kunsill ikun kuntent u ċert li mhux se jkun hemm problemi.

Konfermati, illum 11 ta' Novembru 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Carmel Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |